



Brussell, 15 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14964/21

COEST 327

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant (Brussell, 15 ta' Diċembru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż fl-Anness id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-sitt Summit tas-Sħubija tal-Lvant, kif maqbula mill-parteciġpanti tas-Summit fil-15 ta' Diċembru 2021 fi Brussell.

Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant

"Irkupru, Reżiljenza u Riforma"

Brussell, 15 ta' Diċembru 2021

Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tar-Repubblika tal-Armenja, ir-Repubblika tal-Ażerbajġan, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna, ir-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u l-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri tagħha ltaqgħu fi Brussell fil-15 ta' Diċembru 2021. Il-President tal-Parlament Ewropew u rappreżentanti tal-Kumitat tar-Regġuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Konferenza tal-Awtoritajiet Reġjonali u Lokali għas-Sħubija tal-Lvant u l-Assemblea Parlamentari Euronest ikkontribwew ukoll għas-Summit.

1. Iltqajna flimkien biex naffermaw mill-ġdid l-impenn qawwi li għandna lejn is-Sħubija tal-Lvant tagħna strateġika, ambizzjuża u progressiva, li tibqa' bbażata fis-sod fuq valuri fundamentali komuni, interessi reċiproċi u sjieda, responsabbiltà, inklużività, differenzjazzjoni u obbligu ta' rendikont reċiproku. Bħala dimensjoni speċifika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, is-sħubija tagħna tippermetti li l-Unjoni Ewropea u s-sħab tagħha tal-Lvant tal-Ewropa joqorbu lejn xulxin. Hija tfittex li trawwem l-istabbiltà, il-prosperità u l-kooperazzjoni reċiproka, u li tavvanza l-impenn tagħna għar-riformi meħtieġa u li tindirizza l-isfidi globali u reġjonali li qed niffaċċjaw għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tagħna.

VALURI

2. Aħna magħqudin bid-determinazzjoni konġunta tagħna li nsaħħu aktar id-demokrazija u l-istat tad-dritt fis-soċjetajiet tagħna. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, it-trawwim ta' soċjetajiet inklużivi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll ir-rispett sħiħ għall-prinċipji u n-normi tad-dritt internazzjonali jibqgħu l-pedamenti tas-sħubija tagħna u jirfdu l-ħidma konġunta tagħna fl-oqsma prijoritarji kollha. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata fl-appoġġ tagħha għall-integrità territorjali fil-fruntieri tagħhom rikonoxxuti internazzjonalment, l-indipendenza u s-sovranià tas-sħab kollha tal-Lvant, bir-rispett u l-ħarsien tal-finiġiet u l-prinċipji mnaqqxin fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), fl-Att Finali ta' Helsinki tal-1975 u fil-Karta ta' Pariġi tal-1990, li huma fundamentali għall-viżjoni komuni tagħna għal Ewropa magħquda u fil-paċi.
3. Nikkonfermaw mill-ġdid l-impenji tagħna li ħadna f'Summits ta' qabel u fi ftehimiet bilaterali kif ukoll id-determinazzjoni tagħna li nħarsuhom. F'din it-triq, l-aġenda ta' riforma ambizzjuża u l-kooperazzjoni msaħħa tagħna għadhom il-kondizzjoni meħtieġa għall-progress u l-appoġġ: iż-żieda fil-prosperità u t-trawwim tal-paċi, l-istabbiltà, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza fir-reġjun, b'mod partikolari fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. Il-kooperazzjoni u l-appoġġ tagħna ser jimmiraw b'mod partikolari lejn it-twettiq ta' objettivi ewlenin ta' politika globali, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Aġenda 2030 tan-NU u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha.
4. Għadna ferm imħassbin dwar id-destabbilizzazzjoni u l-ksur kontinwi tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali f'ħafna partijiet tar-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant li huma ta' theddida għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà. Nappellaw għal sforzi mġedda għall-promozzjoni tar-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti mhux solvuti fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant abbażi tal-prinċipji u n-normi tad-dritt internazzjonali. Ir-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti, il-bini tal-fiduċja u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat huma essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali u għall-kooperazzjoni. Nilqgħu l-isforzi, l-involvement ikbar u r-rwol imsaħħaħ tal-UE fil-prevenzjoni tal-konflitti, fir-riżoluzzjoni tal-konflitti, fit-tisħiħ tal-fiduċja, fil-qafas tal-formati u l-proċessi ta' negozjar maqbula eżistenti jew b'appoġġ għalihom, inkluż permezz ta' preżenza fuq il-post, meta xieraq.

5. L-ambitu u l-profondità tal-kooperazzjoni tagħna huma determinati mill-ftehimiet rispettivi tagħna u ser ikompli jiġu ffurmati mill-ambizzjonijiet u l-ħtiġijiet kemm tal-UE kif ukoll tas-sħab u mill-pass u l-kwalità tar-riformi. Nirrikonoxxu li l-kondizzjonalità u l-approċċ tal-UE bbażat fuq l-inċentivi ("aktar għal aktar" u "iktar b'inqas") ser jibqa' jkun ta' għid għal dawk is-sħab l-aktar involuti fl-implimentazzjoni tar-riformi.
6. Aħna nafferma mill-ġdid id-dritt sovrani ta' kull sieħeb li jagħżel il-livell ta' ambizzjoni u l-miri li jaspira għalihom fir-relazzjonijiet tiegħu mal-Unjoni Ewropea. Nisħqu li din hija sħubija kostruttiva, li mhi diretta kontra ħadd, iżda hi mfassla biex tikkontribwixxi għall-paċi u l-prosperità għall-pajjiżi kollha fil-viċinat. Is-Sħubija tal-Lvant ser tibqa' inklużiva u flessibbli, u tippermetti li sfidi reġjonali u globali komuni jiġu indirizzati b'mod konġunt f'firxa wiesgħa ta' oqsma, inkluż permezz ta' kooperazzjoni u skambji settorjali aktar profondi. F'dan ir-rigward nenasizzaw l-għan partikolari tagħna li ntejbu u nappoġġaw il-kooperazzjoni reġjonali fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant, inkluż it-tisħiħ tal-konnessjonijiet u l-konnettività tat-trasport.

SĦUBIJA

7. Infaħħru d-dħul fis-seħħ b'mod sħiħ tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u ż-Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi (DCFTAs) mal-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna, b'din tal-aħħar wara d-deċiżjoni ta' Diċembru 2016 mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE.

8. F'dan il-kuntest, nagħrfu l-aspirazzjonijiet Ewropej u l-għażla Ewropea tas-sħab ikkonċernati, kif iddikjarat fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni. Il-ftehimiet jipprevedu l-aċċellerazzjoni tal-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika mal-Unjoni Ewropea. Aħna nilqgħu l-progress li sar s'issa u ninkoraġġixxu l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u ż-Żoni ta' Kummerċ Fieles Approfonditi u Komprensivi tagħhom. Infakkru li l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u d-DCFTAs tagħhom, b'rabta mal-proċess usa' ta' approssimazzjoni regolatorja u r-riformi meħtieġa relatati, tikkontribwixxi għall-istabbiliment tal-kondizzjonijiet għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali msaħħa mal-UE li jwasslu għal aktar integrazzjoni ekonomika gradwali fis-Suq Intern tal-Unjoni Ewropea, kif previst fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni. L-UE tibqa' impenjata li tappoġġa l-isforzi tas-sħab assoċjati f'dan ir-rigward.
9. L-UE u s-sħab interessati jfaħħru d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħa bejn l-UE u l-Armenja f'Marzu 2021, jilqgħu l-progress li sar s'issa u jħeġġu l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu li twassal għal livell ġdid ta' sħubija.
10. L-UE u s-sħab interessati jilqgħu l-progress fin-negozjati li għaddejjin bħalissa bejn l-UE u l-Azerbajġan dwar Ftehim komprensiv ġdid.
11. L-UE jiddispijaċiha li l-awtoritajiet Belarussi ddeċidew li jissuspendu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-Sħubija tal-Lvant u nittamaw li tissokta l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet Belarussi hekk kif ikun hemm il-kondizzjonijiet meħtieġa għal tranżizzjoni demokratika u paċifika biex tibni fuq aġenda konġunta bbażata fuq valuri komuni u interessi kondiviżi. Sadanittant, l-UE tibqa' involuta maċ-ċittadini, mas-soċjetà ċivili u mal-media indipendenti tal-Belarussja, u tibqa' tappoġġahom. Il-pjan komprensiv ta' appoġġ ekonomiku għal Belarussja demokratika, sa EUR 3 biljun, jirrifletti l-impenn tal-UE li tappoġġa l-għażla demokratika tal-poplu Belarussu. Filwaqt li ttenni d-dikjarazzjonijiet preċedenti, l-UE tikkundanna l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti u r-refuġjati mill-awtoritajiet Belarussi u tabilħaqq l-inċidenti kollha ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti għal finijiet politiċi.

12. Skont il-prinċipji ta' differenzjazzjoni u inklużività, l-UE tirrikonoxxi l-inizjattiva tat-tliet sħab assoċjati l-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna, biex isaħħu l-kooperazzjoni mal-UE, u tiegħu nota tal-koordinazzjoni miżjuda bejniethom dwar kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u d-DCFTAs, u dwar il-kooperazzjoni fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant. F'dan il-kuntest, filwaqt li tibni fuq il-progress miksub s'issa, fil-kuntest ta' diskussjonijiet konġunti dwar riformi relatati mal-assoċjazzjoni sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni /DCFTA, l-UE u s-sħab interessati kollha ser jesploraw għażliet għal kooperazzjoni settorjali msaħħa, inkluż, iżda mhux biss, l-oqsma tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, il-konnettività, is-sigurtà tal-enerġija, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, il-komunikazzjoni strateġika u l-kura tas-saħħa. Fl-istess ħin, l-UE tkompli tenfasizza l-importanza tal-prinċipju tal-inklużività, li jagħti aċċess ugwali għall-opportunitajiet u r-riżorsi lis-sħab interessati kollha.
13. Aħna nibqgħu lesti li neżaminaw il-possibbiltà ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi skont il-każ abbażi ta' valuri kondiviżi, inkluż f'komplementarjetà ma' formati reġjonali oħra bħas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed, fejn tali parteċipazzjoni tikkontribwixxi u ġġib valur miżjud għall-oġettivi tas-Sħubija tal-Lvant.

14. Ser nippruvaw insaħħu l-kooperazzjoni tagħna fost l-oħrajn abbażi tal-Komunikazzjoni Konġunta "Il-politika tas-Sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020: It-Tisħiħ tar-Reżiljenza – Sħubija tal-Lvant li tikseb riżultati għal kulħadd"¹, u bħala riżultat tal-konsultazzjoni komprensiva mal-Istati Membri, il-pajjiżi sħab tal-Lvant u partijiet ikkonċernati oħra tas-Sħubija tal-Lvant u tal-kontribut tagħhom. It-tisħiħ tar-reżiljenza għadu l-għan politiku prevalenti tagħna fl-aġenda tagħna ta' "Irkupru, Reżiljenza u Riforma", mibnija madwar iż-żewġ pilastri ta' governanza u l-investment. Nilqgħu il-ġabra ta' prioritajiet konkreti għal wara l-2020 miġbura fil-qosor fl-Anness u nenfasizzaw b'mod partikolari l-attenzjoni fuq il-ħolqien ta' benefiċċji konkreti għan-nies. L-aġenda l-ġdida ser tkun mirfuda mill-pjan reġjonali ekonomiku u ta' investment ta' EUR 2.3 biljun b'potenzjal li jimmobilizza sa EUR 17-il biljun f'investment pubbliku u privat għar-reġjun, li jirfed l-aġenda futura. Dan il-pjan ta' investment multinazzjonali u multisettorjali huwa għall-benefiċċju tar-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant kollu kemm hu. Filwaqt li nagħrfu l-isfidi pendent, aħna nissottolinjaw li l-progress sostnut fir-riforma fil-pajjiżi sħab, u l-monitoraġġ tiegħu, b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tal-valuri fundamentali komuni u l-governanza, l-istat tad-dritt, ir-riforma tas-settur tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, għadhom kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tas-Sħubija tal-Lvant u għal implimentazzjoni b'suċċess tal-aġenda tagħha, inkluż il-Pjan Ekonomiku u ta' Investment. L-appoġġ tal-UE ser jirrifletti l-approċċ tagħha bbażat fuq il-kundizzjonalità u l-inċentivi u ser ikun kondizzjonali fuq l-implimentazzjoni tar-riformi maqbula. Dan ser jinfluwenza r-riformi strutturali, partikolarment fl-istat tad-dritt u r-riforma tal-ġustizzja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

¹ JOIN (2020) 7 final, 18.3.2020

15. Sabiex insaħħu r-reżiljenza, ser nikkonċentraw fuq it-tisħiħ tal-istat tad-dritt, it-twaqqif ta' amministrazzjoni pubblika effiċjenti, trasparenti u responsabbli fil-livelli kollha tal-gvern, l-indirizzar tal-frodi, il-korruzzjoni u l-kriminalità ekonomika, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-tisħiħ tas-sigurtà, kif ukoll ir-reżiljenza ċibernetika, inkluż theddid ċibernetiku u ibridu. Nenfazzjaw l-importanza li, fejn xieraq, jissaħħaħ id-djalogu dwar is-sigurtà u l-kooperazzjoni fl-oqsma tal-PSDK, u b'rabta ma' dan nilqgħu l-kontribut siewi tas-sħab għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u l-appoġġ tal-UE taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF). Ser tiġi promossa konverġenza gradwali fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà, f'konformità mal-impenji tas-sħab mal-UE. Nikkonfermaw mill-ġdid ukoll l-importanza tat-tisħiħ tal-komunikazzjoni strateġika għall-bini tar-reżiljenza, fost l-oħrajn il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, u nappellaw għal approċċi aktar b'saħħithom u aktar strateġiċi kif ukoll kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u s-sħab tal-Lvant. Nissottolinjaw l-importanza ta' ambjent tal-media li jiffunzjona tajjeb u l-libertà tal-kelma, filwaqt li nagħrfu l-ħtieġa għal appoġġ imsaħħaħ għall-media indipendenti. Is-sħubija ser taħdem għat-tisħiħ tal-ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, kif enfasizzat mill-ħames Forum taż-Żgħażaġħ tas-Sħubija tal-Lvant fis-Slovenja f'Novembru 2021, ir-riforma tal-edukazzjoni, it-tisħiħ tal-media indipendenti, it-titjib tad-demokrazija, l-evitar ta' retorika infjammatorja u azzjonijiet provokattivi, il-promozzjoni u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-saħħa, u taħdem biex tittejjeb il-mobbiltà legali u tal-forza tax-xogħol f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali, filwaqt li tindirizza b'mod konġunt il-migrazzjoni irregolari.

16. Ser nikkonċentraw bl-istess mod fuq it-tiżiż tar-reżiljenza ekonomika billi nrawmu integrazzjoni kummerċjali u ekonomika, investiment u aċċess għall-finanzi, titjib tal-konnettività tat-trasport, u investiment fin-nies u fis-soċjetajiet tal-għarfien. F'dan ir-rigward, l-UE u s-sħab interessati jilqgħu l-firma reċenti tal-ftehimiet dwar iż-żona komuni tal-avjazzjoni mal-Armenja u l-Ukrajna. L-UE u s-sħab interessati jilqgħu ukoll il-ftehimiet mal-Armenja, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna għall-assoċjazzjoni tagħhom ma' Orizzont Ewropa. L-UE u s-sħab interessati jilqgħu t-tlestija tal-proġett tal-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar, li kkontribwixxa għad-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-gass u r-rotot tal-provvista lejn l-UE. Kif ikkonfermat fit-tielet laqgħa ministerjali dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima fil-Portugall f'Ġunju 2021, ser naħdmu biex intejbu r-reżiljenza ambjentali u klimatika billi nimxu 'l quddiem fit-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' investimenti u kooperazzjoni fl-ekonomija ċirkolari, it-tkabbir ekoloġiku u l-adattament għall-klima, u nsaħħu l-bijodiversità. L-UE tappoġġa intensifikazzjoni tal-isforzi mill-pajjiżi sħab għan-newtralità klimatika fl-2050, billi telimina gradwalment il-faħam u tagħmel Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali aktar ambizzjużi u ser naħdmu b'mod konġunt biex naċċelleraw l-implimentazzjoni tagħhom f'konformità mal-impenji tal-COP26. Ser ningħaqdu wkoll biex naċċelleraw il-proċess tat-tranżizzjoni tal-enerġija biex innaqqsu l-marka tal-karbonju u nkomplu nsaħħu l-iżvilupp sostenibbli inklużiv fis-settur tal-enerġija f'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija Ewropea, kif xieraq. Ser inżidu l-ħidma tagħna biex nsaħħu s-sigurtà tal-enerġija f'ċirkostanzi li qed jinbidlu u nipprevjenu l-użu tal-gass bħala arma jew lieva ġeopolitika. Is-sikurezza nukleari ser tissaħħaħ ukoll. Ser naċċelleraw il-bidla għal mobbiltà sostenibbli u intelliġenti. Barra minn hekk, l-għan tagħna ser ikun li naċċelleraw it-trasformazzjoni diġitali inkluż l-investimenti fl-infrastruttura diġitali u l-governanza elettronika. Filwaqt li nibnu fuq il-ftehim dwar ir-roaming reġjonali, ser nesploraw aktar il-possibbiltà ta' spazju tar-roaming internazzjonali komuni inkluż it-tnaqqis ekonomikament sostenibbli tat-tariffi tar-roaming bejn l-UE u s-sħab tal-Lvant.

SOLIDARJETÀ

17. L-isfidi klimatiċi kif ukoll ambjentali u tal-enerġija jeħtieġu azzjoni urġenti minn kull naħa. Infakkru li l-irkupru soċjoekonomiku ta' wara l-COVID-19 u żvilupp aktar dejjiemi jipprovdu opportunità biex tissaħħaħ ir-reżiljenza billi jsir investiment f'konnettività sostenibbli u jiġu aċċellerati t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali f'approċċ min-naħa tal-ekonomija kollha, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Nieħdu impenn li nagħmlu dan bi ħsieb li nsaħħu l-impjegabbiltà u noħolqu opportunitajiet ta' xogħol deċenti filwaqt li naħdmu għal tranżizzjoni għal ekonomiji newtrali għall-klima, ċirkolari u effiċjenti fir-riżorsi sal-2050.
18. B'solidarjetà ningħaqdu flimkien quddiem il-pandemija tal-COVID-19, li tirrappreżenta sfida liema bħalha għas-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna. Wara l-pakkett ta' appoġġ rapidu ta' Tim Ewropa ta' aktar minn EUR 2.5 biljun mobilizzati mill-2020 'l hawn, nirrikonoxxu l-impenn kontinwu tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jappoġġaw lill-pajjiżi sħab fl-indirizzar tal-pandemija, il-proċess tat-tilqim, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni kontra t-tilqim u t-trawwim ta' reżiljenza tas-saħħa aktar dejjiema. Nilqgħu l-fatt li aktar minn 13-il miljun doża tat-tilqim ingħataw lill-pajjiżi sħab permezz tal-Faċilità COVAX u permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Kondiviżjoni tal-Vaċċini, u napprezzaw l-appoġġ addizzjonali tal-UE fi ħdan l-inizjattiva ta' Tim Ewropa dwar il-kondiviżjoni tal-vaċċini tal-COVID-19 għas-Sħubija tal-Lvant li hi mistennija li tagħti spinta lil aktar kunsinni fix-xhur li ġejjin. Nilqgħu r-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati diġitali tal-COVID-19 fis-seħħ għall-Armenja, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna, u dalwaqt għall-Azerbajġan, li jippermetti vjaġġar aktar sikur u aktar faċli mill-UE u lejha. Nappellaw għal solidarjetà dinjija, kooperazzjoni internazzjonali intensifikata u multilateraliżmu effettiv biex il-pandemija u l-konsegwenzi tagħha jiġu kkontrollati, imtaffija u megħluba, li flimkien mal-kontinwazzjoni tal-isforzi tat-tilqim, anke permezz tal-kontribut għall-ekwità tat-tilqim globali u ta' kampanji effettivi ta' tilqim, huma essenzjali biex jingħeleb il-virus.

SJIEDA KONĠUNTA

19. Nappellaw għal sjieda konġunta msaħħa u ntennu l-importanza ta' involviment inklużiv tal-partijiet kollha tas-soċjetà, filwaqt li nnefasizzaw il-ħtieġa ta' aktar involviment mas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari maż-żgħażaġh, u billi nippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tolleranza u d-djalogu interkulturali. L-involviment mas-soċjetà ċivili, inkluż permezz tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant, u l-ħidma ta' kuntatt aktar mifruxa u appoġġ immirat lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali fil-livell lokali, jibqgħu parti integrali minn din is-sħubija. Nikkonfermaw l-importanza tad-dimensjoni multilaterali tal-kooperazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant u nappellaw biex issir aktar ħidma biex tittejjeb l-arkitettura attwali sabiex naġġustaw għall-prijoritajiet il-ġodda u biex din issir aktar flessibbli u effiċjenti. Nilqgħu r-rwol tal-Assemblea Parlamentari Euronest, tal-Konferenza tal-Awtoritajiet Reġjonali u Lokali għas-Sħubija tal-Lvant (CORLEAP) kif ukoll ta' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra inkluż il-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant, u nixtiequ li nkomplu nhegħu dan ir-rwol, u nilqgħu involviment aktar sistematiku ma' gruppi ta' riflessjoni u Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej u Internazzjonali.
20. Nistennew b'interess is-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss fl-2023, li ser ikun l-ewwel tappa għall-evalwazzjoni u l-eżami tal-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' prijoritajiet u miri.

Prijoritajiet tas-Sħubija tal-Lvant wara l-2020

Kif stipulat fil-paragrafu 14 tad-Dikjarazzjoni Konġunta, dan l-anness jiġbor fil-qosor l-oġġettivi u l-miri tal-politika għall-aġenda tas-Sħubija tal-Lvant għal wara l-2020 abbażi tal-Komunikazzjoni Konġunta "Il-politika tas-Sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020: It-Tisħiħ tar-Reżiljenza – Sħubija tal-Lvant li tikseb riżultati għal kulħadd"², id-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal "Recovery, resilience and reform: post 2020 Eastern Partnership priorities"³, (Irkupru, reżiljenza u riforma: il-prijoritajiet tas-Sħubija tal-Lvant wara l-2020), u b'riżultat tal-konsultazzjoni komprensiva mal-Istati Membri, il-pajjiżi sħab tal-Lvant u partijiet ikkonċernati oħra tas-Sħubija tal-Lvant u tal-kontributi tagħhom.

Dawn l-għanijiet u l-miri ta' politika huma mibnija madwar żewġ pilastri: 1) il-governanza u 2) l-investiment (li għandu jiġi appoġġat mill-pjan ekonomiku u ta' investiment b'inizjattivi ewlenin speċifiċi għall-pajjiż li għandhom jimxu 'l quddiem ma' kull wieħed mill-pajjiżi sħab). Din l-aġenda komprensiva bbażata fuq ir-rispett għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ser tiġi appoġġata permezz tal-għodod u l-modalitajiet ta' appoġġ tal-UE, inkluż l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali.

Struttura simplifikata għall-kooperazzjoni multilaterali fis-Sħubija tal-Lvant ser tissorvelja l-implimentazzjoni tal-aġenda konġunta għall-irkupru, ir-reżiljenza u r-riforma b'mod orjentat lejn ir-riżultati, komprensiv u sistematiku. L-implimentazzjoni tal-aġenda futura ser tiżgura sjieda u impenn konġunti kif ukoll komplementarjetà ma' prijoritajiet bilaterali. Din ser titfassal skont il-ħtiġijiet u l-interessi ta' kull pajjiż sieħeb f'konformità mal-prinċipji tal-politika tas-Sħubija tal-Lvant. Il-miri proposti huma indikattivi u bbażati fuq stimuli u fuq il-prestazzjoni ta' qabel.

1. Pilastru tal-governanza

L-aġenda proposta taħt il-pilastru ta' governanza tinkludi l-prijoritajiet u l-azzjonijiet li ġejjin:

² JOIN (2020) 7 final, 18.3.2020

³ SWD (2021)186 final, 2.7.2021

Flimkien għal istituzzjonijiet responsabbli, l-istat tad-dritt u s-sigurtà

1. Il-governanza tajba fil-livelli kollha hi kruċjali biex in-nies jafdaw fil-gvernijiet tagħhom. L-istat tad-dritt, politika li tirnexxi kontra l-korruzzjoni, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, u sigurtà msaħħa huma s-sinsla ta' demokrazzi inklużivi u parteċipatorji li jaħdmu u ta' soċjetajiet b'saħħithom u reżiljenti. Dawn huma prekundizzjonijiet sinifikanti għal żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-pajjiżi sħab.
2. Fir-rigward tar-riforma ġudizzjarja, l-enfasi ser tkun fuq l-allinjament tas-sistemi ġudizzjarji u l-oqfsa leġiżlattivi tal-pajjiżi sħab mal-istandards Ewropej biex jiġi żgurat twettiq tal-ġustizzja trasparenti, indipendenti, responsabbli, effiċjenti u professjonali liċ-ċittadini. Kejl, monitoraġġ u rappurtar imtejba tar-riforma tal-ġustizzja, is-salvagwardja tal-awtonomija tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, it-titjib fil-ġestjoni tal-każijiet, u l-istabbiliment jew il-konsolidazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' taħriġ indipendenti ser jikkontribwixxu għal dan l-għan.
3. Biex tinkiseb amministrazzjoni pubblika responsabbli, trasparenti u effiċjenti fil-livelli kollha, huma previsti kemm it-twaqqif ta' Akkademja tas-Sħubija tal-Lvant għall-Amministrazzjoni Pubblika kif ukoll it-tisħiħ tal-iskema ta' job shadowing tal-UE, flimkien mal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-aċċess ugwali għar-riżorsi permezz ta' integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ġeneri u bbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru. Ser jiġu appoġġati sforzi ta' deċentralizzazzjoni li jagħtu s-setgħa lill-awtonomija lokali u reġjonali. Il-governanza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-finanzi pubbliċi ser jissaħħu. Il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika indipendenti, affidabbli, komparabbli u li tqis kwistjonijiet ta' ġeneru u tkun diżaggregata skont is-sessi ser tappoġġa lill-pajjiżi sħab bi tfassil ta' politika msejjes fuq l-evidenza.

4. Id-dikjarazzjoni verifikabbli tal-assi mill-uffiċjali pubbliċi hija mira ewlenija fil-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u l-kriminalità ekonomika. Ser jiġu żviluppati u kkonsolidati ulterjorment oqfsa strateġiċi, legali u istituzzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni f'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali, inkluż l-obbligi li ttejjdu skont il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni. Il-kwalità tal-akkwist pubbliku ser tittejjeb billi tiġi adottata leġislazzjoni f'konformità mal-istandards tal-UE u jiġu implimentati mekkaniżmi għal aktar trasparenza u skrutinju pubbliku. Hemm bżonn ta' oqfsa robusti u effiċjenti fir-rigward tal-investigazzjoni finanzjarja, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-irkupru tal-assi u s-sjieda benefiċjarja. Ser tiġi mħeġġa kooperazzjoni rapida u effettiva bejn il-pajjiżi sħab u l-korpi rilevanti tal-UE, bħall-Eurojust, l-Europol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.
5. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-tisħiħ tas-sigurtà, ser jizjeddu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mal-korpi rilevanti tal-UE dwar l-infurzar tal-liġi, ir-rispons ta' emerġenza, id-droga u d-dipendenza fuq id-droga, u ser tittejjeb il-kapaċità ta' valutazzjoni tat-theddid. L-isfidi u t-theddid komuni għas-sigurtà ser jiġu indirizzati, inkluż permezz tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT); barra minn hekk, ser tiġi introdotta u applikata skont il-każ, il-metodoloġija ta' valutazzjoni ta' theddid mill-kriminalità serja u organizzata (SOCTA), u ser jiġu stabbiliti jew ikkonsolidati osservatorji nazzjonali tad-droga u sistemi ta' twissija bikrija. L-isforzi biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin ser jizjeddu b'attenzjoni partikolari għan-nisa u t-tfal. Ser tittejjeb il-kapaċità li jiġi miġġieled il-kuntribandu fuq skala kbira ta' kull merkanzija, b'enfasi partikolari fuq il-kriminalità organizzata u s-sigurtà tal-prodotti.

6. Ser jiġu appoġġati l-promozzjoni tas-soluzzjoni paċifika ta' konflitti mhux riżolti, il-prevenzjoni ta' konflitti, u l-bini ta' fiduċja u l-isforzi ta' rikonċiljazzjoni. Ser tissaħħaħ l-assistenza għall-popolazzjonijiet milquta minn konflitti, flimkien mar-rwol tan-nisa u ż-żgħażaġh fit-tiswir tal-paċi. Ser jissaħħu wkoll il-kooperazzjoni u d-djalogi dwar is-sigurtà u l-kooperazzjoni Prattika fil-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) f'konformità mal-patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK, kif ukoll il-kontributi tas-sħab għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari Ewropej, u l-appoġġ mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) kif xieraq. Ser jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' esperjenza u l-kondiviżjoni tal-għarfien bejn l-UE u l-pajjiżi sħab; barra minn hekk, ser jiġu pprovduti opportunitajiet ta' taħriġ u ser tissaħħaħ il-kapaċità fil-għieda kontra t-theddid ibridu u ċ-ċibersigurtà, possibbilment bl-inklużjoni ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni ma' sħab interessati. It-tkomplija tal-kooperazzjoni dwar il-protezzjoni ċivili u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili ser tkun kruċjali biex jissaħħu l-prevenzjoni ta' diżastri naturali u daww ikkawżati mill-bniedem, u t-tħejjija u r-rispons għalihom.
7. Fir-rigward tar-reżiljenza ċibernetika u ċ-ċiberkriminalità, mira ewlenija hija qafas imsaħħaħ għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tat-theddid ibridu, flimkien mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab li jindirizzaw iċ-ċiberkriminalità u jżidu r-reżiljenza ċibernetika, bil-Konvenzjoni ta' Budapest tal-Kunsill tal-Ewropa bħala linja bażi. Dan ser jitwettaq billi jittejjeb l-allinjament mal-oqfsa ta' politika legali, istituzzjonali u taċ-ċiberkriminalità tal-UE, billi jiġu organizzati programmi ta' taħriġ dwar iċ-ċiberkriminalità u l-evidenza elettronika, billi jiġu rdoppjati l-operazzjonijiet rilevanti għaċ-ċiberkriminalità li jinvolvu pajjiżi sħab u billi tiġi introdotta l-metodoloġija tal-Europol għall-valutazzjoni ta' theddid mill-kriminalità organizzata fuq l-internet.

Flimkien għal soċjetajiet reżiljenti, b'ugwaljanza bejn il-ġeneri, ġusti u inklużivi

8. Il-promozzjoni ta' ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili, inkluż is-sħab soċjali, ser tinvolvi appoġġ mill-UE lil 2 500 organizzazzjoni lokali tas-soċjetà ċivili u appoġġ ipprovdut f'oqsma ġodda bħall-innovazzjoni soċjali, l-ekonomija soċjali u l-intraprenditorija soċjali. Ser jingħata appoġġ partikolari lill-organizzazzjonijiet li joperaw barra l-bliet kapitali, freġjuni milquta minn konflitti, b'lingwi lokali, u lill-organizzazzjonijiet tan-nisa. Ser jiġi rdoppjat l-għadd ta' Ambaxxaturi Żgħażaġħ Ewropej, ser jissaħħaħ in-networking bejn il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet rappreżentattivi oħra taż-żgħażaġh, u ser jissaħħu l-kooperazzjoni kulturali u d-djalogu interkulturali.

9. Il-kumpanniji tal-media indipendenti li jipproduċu kontenut varjat ta' kwalità għolja u bbażat fuq il-fatti, inkluż bil-lingwi nazzjonali u lokali, ser jiġu appoġġati mill-UE bil-għan li l-gvernijiet jinżammu responsabbli u jgħinu fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni. Ser jiġi promoss ukoll ambjent regolatorju mtejjeb għal media indipendenti, affidabbli u kredibbli. Il-ħiliet fil-media, l-informazzjoni u l-litteriżmu diġitali, u l-ħiliet tal-ħsieb kritiku ser jissaħħu sabiex in-nies jitħarsu mid-diżinformazzjoni.
10. Ser tiġi promossa demokrazija pluralista, inklużiva, parteċipattiva u rappreżentattiva f'konformità mal-istandards tal-OSKE u tal-Kunsill tal-Ewropa, ser tittejjeb is-sorveljanza parlamentari, ser jitrawwem il-pluraliżmu politiku u ser jiġu indirizzati l-isfidi diġitali għall-proċessi demokratiċi.
11. F'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-drittijiet tal-bniedem ser jiġu difiżi b'mod robust, li jinkludi r-rikonoxximent li huma universali, indiviżibbli, u interdipendenti u jridu jiġu applikati mingħajr ebda forma ta' diskriminazzjoni. F'dan il-kuntest, ir-rwol tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem ser jiġi rikonoxxut u protett. L-eżekuzzjoni f'waqtha tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ser tkun kruċjali. L-oqfsa legali għall-protezzjoni tal-minoranzi għandhom jitħarsu u jkomplu jiġu żviluppati. Barra minn hekk, filwaqt li jittieħed nota tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli dwar it-tielet Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (GAP), l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa ser jiġu promossi fl-oqfsa kollha ta' politika inkluż miżuri biex joħroġ il-potenzjal tan-nisa fil-forza tax-xogħol, l-indirizzar tas-segregazzjoni okkupazzjonali u settorjali u l-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. L-intraprendituri nisa ser jirċievu aktar opportunitajiet ta' taħriġ u 40 % tas-self kollu għall-SMEs appoġġat mill-UE ser ikun immirat lejn kumpanniji mmexxija minn nisa. Kważi l-investimenti kollha tal-UE ser ikollhom objettiv importanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-vjolenza fuq in-nisa tibqa' miftuħa għall-adeżjoni. Fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali – kif minqux fil-konvenzjonijiet u l-protokolli relatati tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa – huwa indispensabbli li jkun hemm dialogu sostantiv mar-rappreżentanti ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-leġiżlazzjoni relatata.

12. Fir-rigward tal-mobbiltà, is-sistemi ta' vjaġġar mingħajr viża għandhom ikomplu joperaw b'mod effettiv filwaqt li jiżguraw l-implimentazzjoni kontinwa tal-punti ta' riferiment tal-liberalizzazzjoni tal-viża. Jistgħu jiġu kkunsidrati djalogi ġodda dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet. Għandha tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' ftehimiet dwar il-faċilitazzjoni tal-viża u dwar ir-riammissjoni mas-sħab rilevanti. Ser issir ħidma għall-indirizzar tal-isfidi relatati mal-migrazzjoni, inkluż il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-indirizzar tal-kwistjoni ta' applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi, kif ukoll għat-titjib tar-ritorn u r-riammissjoni u l-promozzjoni tal-migrazzjoni legali, inkluż permezz ta' sħubijiet għall-migrazzjoni u għall-mobbiltà, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali. It-tisħiħ tal-kapaċità ser jissaħħa inkluż permezz ta' kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Fuq l-istess nota, ser tissaħħa il-ġestjoni effettiva u integrata tal-fruntieri. L-għan tagħna huwa li nrawmu rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, kif ukoll li nsaħħu l-kapaċità istituzzjonali tal-gvernijiet sħab u l-politiki għal governanza effettiva tal-migrazzjoni filwaqt li niżguraw koordinazzjoni bilaterali u multilaterali bejn il-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali, biex niżguraw il-protezzjoni tal-ħaddiema migranti, nippromwovu l-integrazzjoni effettiva tal-migranti u nisfruttaw il-potenzjal tal-migrazzjoni 'l ġewwa jew 'il barra għall-progress fl-iżvilupp sostenibbli f'konformità mal-SDGs.
13. Lil hinn mill-appoġġ immedjat biex tiflaħ għall-pandemija tal-COVID-19, il-ħidma fuq ir-reżiljenza tas-saħħa ser tinkludi t-titjib tas-sistemi tas-saħħa biex jitjiebu l-affordabbiltà u l-aċċess għas-saħħa. L-għan huwa li 850,000 ħaddiem tas-saħħa jitlaqqmu u/jew jibbenefikaw minn terapiji, tagħmir u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba. Il-kooperazzjoni dwar iċ-ċertifikati diġitali tat-tilqim ser titjeb u ser tiżdied it-tnejn biex jiġu indirizzati l-emerġenzi tas-saħħa.

Komunikazzjoni Strateġika

14. Kampanji msaħħa ser itejbu l-promozzjoni koerenti tal-marka tal-UE fil-kuntest lokali fil-livelli kollha, u ser jingħata appoġġ lill-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni strateġika tal-pajjiżi sħab, b'mod partikolari permezz ta' għajjnuna biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni billi jipprovdu liċ-ċittadini b'informazzjoni vera u preċiża. L-involviment ma' udjenzi multiplikaturi mmirati u aktar involviment maż-żgħażaġh ser jagħtu spinta lill-komunikazzjoni usa'.

15. Is-Sħubija tal-Lvant ser tapprofondixxi l-iskambji fil-livelli kollha, fosthom il-parlamenti (permezz ta' Euronest), l-awtoritajiet lokali u reġjonali (permezz ta' CORLEAP) u s-soċjetà ċivili, b'mod partikolari permezz tal-Forum tas-Soċjeta' Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant.

2. Pilastru tal-investment

L-aġenda proposta taħt il-Pilastru tal-Investment ser tkun mirfuda minn pjan Ekonomiku u ta' Investment għar-reġjun li jinkludi sett ta' inizjattivi ewlenin għal kull wieħed mill-pajjiżi sħab, u ser tappoġġa l-irkupru wara l-pandemija bl-użu ta' għodod speċifiċi tal-UE, fosthom it-taħlit u l-garanziji.

Din tinkludi l-prijoritajiet u l-azzjonijiet li ġejjin:

Flimkien għal ekonomiji reżiljenti, sostenibbli u integrati

16. Filwaqt li jiskatta l-irkupru soċjoekonomiku tant meħtieġ ta' wara l-COVID-19 u b'mod parallel isir adattament għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja, l-għan huwa li jinħolqu opportunitajiet ekonomiċi, filwaqt li jiġu żgurati l-prosperità u x-xogħol deċenti għal kulħadd.
17. Fir-rigward tal-kummerċ u l-integrazzjoni ekonomika, ser tingħata prijorità lit-tisħiħ tal-ambjent tan-negozju, u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ u tal-investment, filwaqt li jitħaddnu l-opportunitajiet tat-trasformazzjoni ekoloġika u dik diġitali. Ser jibqa' jingħata l-appoġġ biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni taż-żoni ta' kummerċ ħieles approfonditi u komprensivi (DCFTAs) u arranġamenti kummerċjali oħra, u biex tiġi approfondita aktar l-integrazzjoni ekonomika mal-pajjiżi sħab u bejniethom, bil-ħsieb li jiġu żviluppati ktajjen ta' provvista sostenibbli. Ser ikun kruċjali li naħdmu flimkien fuq il-provi tal-orijini, programmi tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati u l-adeżjoni għall-Konvenzjoni dwar Proċedura Komuni ta' Tranżitu għal pajjiżi sħab interessati kif ukoll il-promozzjoni tal-governanza tajba fit-tassazzjoni, b'mod partikolari t-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni u t-tassazzjoni ġusta, u l-appoġġ għal rwol internazzjonali aktar b'saħħtu tal-euro. F'dan ir-rigward, l-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi tal-pajjiżi sħab interessati biex jissodisfaw il-kriterji biex jissieħbu maż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA). Ser jingħata appoġġ għall-iżvilupp tas-swieq finanzjarji lis-sħab interessati.

18. Fil-qasam tal-investment u tal-aċċess għall-finanzi l-attenzjoni ser tkun fuq it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-Intrapriżi Żgħir u ta' Daqs Medju (SMEs) permezz tal-għoti mill-UE ta' EUR 1 biljun f'finanzjament fil-munita lokali, u l-appoġġ lil 500 000 SME. Barra minn hekk, ser jiġu pprovduti mill-UE investimenti ta' EUR 500 miljun ta' ekwità biex jgħinu lill-SMEs, isaħħu l-ekosistema tan-negozji ġodda, isostnu l-iżvilupp ekonomiku, jippromwovu l-intraprenditorija tan-nisa, jgħolqu impjiegi ta' kwalità, u jgħinu fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. F'dan ir-rigward, ser ikunu kruċjali l-appoġġ għal riformi strutturali, it-titjib tal-governanza ekonomika u tas-suq tax-xogħol, l-attrazzjoni ta' investment dirett barrani b'appoġġ għal ambjent ta' investment bil-għaqal, il-promozzjoni ta' standards internazzjonali tax-xogħol, it-tnaqqis tal-korruzzjoni u ż-żieda fir-reżiljenza ekonomika.
19. It-tisħiħ tal-involviment barra l-bliet kapitali ser jillibera l-potenzjal ekonomiku taż-żoni rurali u kostali, inkluż permezz tal-investment fil-produzzjoni agroalimentari sostenibbli, il-ħolqien ta' opportunitajiet aħjar għas-self agrikolu, l-appoġġ għad-diversifikazzjoni tal-attivitajiet, il-promozzjoni ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u l-limitazzjoni tal-emissjonijiet. L-appoġġ għal mill-inqas 50 municiplità ser jgħinhom jirrispondu aħjar għall-kumplessità, jadattaw għall-inċertezza u t-tibdil fil-klima, u jtejbu r-reżiljenza.
20. L-interkonnettività tat-trasport sostenibbli, ibbażata fuq ir-regoli u sikura ser tissaħħaħ permezz tat-tlestija ta' network ewlieni TEN-T indikattiv u estiż li jkopri l-modi kollha tat-trasport (bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u fuq l-ilma, inkluż il-passaġġi fuq l-ilma interni), u investimenti biex jiġu aġġornati 3 000 km ta' toroq u linji tal-ferrovija prijoritarji tul in-network TEN-T estiż, bil-għan li dan jitlesta sal-2030. Dan ser jitwettagħ skont l-istandards tal-UE u b'mod li jkun reżiljenti għall-klima u jillimita l-ħsara ambjentali, bil-ħsieb li jixpruna l-iżvilupp ekonomiku, l-integrazzjoni reġjonali, il-kummerċ u l-mobbiltà. L-interkonnettività ser tissaħħaħ ukoll permezz tat-tlestija tan-network ta' ftehimiet komuni dwar l-avjazzjoni u l-kooperazzjoni dwar is-sikurezza marittima, tal-avjazzjoni u tat-toroq, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' osservatorju reġjonali tas-sikurezza fit-toroq. It-tranżizzjoni tal-enerġija newtrali għall-klima tal-pajjiżi sħab ser tiġi appoġġata biex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija permezz tad-diversifikazzjoni mill-importazzjoni taż-żejt u tal-gass u d-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija permezz ta' investimenti fl-enerġija rinnovabbli u aktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija u billi tiġi mhegħga l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija abbażi ta' leġislazzjoni soda bil-ħsieb li tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista fir-reġjun. F'dan il-kuntest, ser issir ħidma għall-modernizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali tat-trażmissjoni tal-gass.

21. Ser jitkompla l-investiment fin-nies u fis-soċjetajiet tal-għarfien u tkompli tissaħħaħ bil-provvista ta' 70,000 opportunità ta' mobbiltà individwali għall-istudenti u l-persunal, ir-riċerkaturi, iż-żgħażaġh u persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh. Ir-riforma tal-edukazzjoni ser tibqa' prijorità strateġika. Ser isiru sforzi ta' modernizzazzjoni u innovazzjoni fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan jinkludi kooperazzjoni strutturata bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (ETV) u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh tal-UE u tal-pajjiżi sħab, kif ukoll il-promozzjoni tal-impjieg taż-żgħażaġh, l-impjegabbiltà, l-intraprenditorija u l-ħiliet, inkluż l-indirizzar tal-eżodu ta' mħuħ. L-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Iskola Ewropea tas-Sħubija tal-Lvant fil-Georgia ser jitkompla. Ser jitkompla l-appoġġ għall-industriji kulturali u kreattivi. Ser ikun kruċjali l-investiment fir-Riċerka u l-Innovazzjoni inkluż permezz ta' riformi tal-politika, iż-żieda fin-nefqa grossa fir-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali permezz ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u t-trasferiment tat-teknoloġija.

Flimkien għar-reżiljenza ambjentali u klimatika

22. L-UE ser taħdem flimkien mal-pajjiżi sħab biex tittrasforma r-reġjun f'soċjetajiet ġusti u prosperużi, b'ekonomiji moderni, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, newtrali għall-klima, ċirkolari u kompetittivi, filwaqt li żżid ir-reżiljenza ambjentali u klimatika tagħhom, inkluż permezz ta' użu aktar sostenibbli tar-riżorsi naturali u d-dekarbonizzazzjoni.
23. Sabiex jittejjbu s-saħħa u l-benesseri tan-nies ser tingħata attenzjoni speċjali lit-tnaqqis tat-tniġġis bil-monitoraġġ u t-titjib tal-kwalità tal-arja fi 300 belt, u lill-progress ulterjuri lejn aċċess universali għall-ilma nadif u s-sanità bi 3 miljun persuna oħra jiksibu l-aċċess għal servizzi tal-ilma tax-xorb sikur. Ser tittejjeb l-informazzjoni ambjentali u ser titwettag valutazzjoni ambjentali tal-pjanijiet ta' żvilupp urban. Ser tingħata spinta lis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar kwistjonijiet ekoloġiċi u tat-tibdil fil-klima, u l-involviment f'inizjattivi ambjentali.

24. Bil-għan li tiġi appoġġata l-ekonomija ċirkolari u jiġu aċċellerati l-irkupru u t-tkabbir ekoloġiċi, ser jissaħħu l-politiki dwar il-klima u l-investiment ekoloġiku permezz ta' assistenza mill-UE, skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, u ser tittejjeb il-governanza ambjentali bil-ħsieb li tinkiseb newtralità klimatika sal-2050 u jiżdied l-adattament għat-tibdil fil-klima. L-UE ser tappoġġa l-adozzjoni mill-pajjiżi sħab ta' Strateġiji nazzjonali ta' Żvilupp b'Emissjonijiet Baxxi ta' nofs is-seklu sal-COP27. L-UE hija lesta tikkunsidra li tappoġġa lill-pajjiżi sħab jintroduċu skemi effettivi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju u/jew politiki tal-ipprezzar tal-karbonju allinjati ma' dawk tal-UE, inkluż fil-kuntest tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) futur. Ser issir aktar ħidma għall-kooperazzjoni relatata mal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri. L-UE ser tippromwovu l-Istrateġija ta' Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u t-tranżizzjoni ġusta inkluż tar-reġjuni dipendenti fuq il-minjieri. Ser jiżdied il-finanzjament ekoloġiku u għall-klima innovattiv u jitwettqu valutazzjonijiet ambjentali aktar sistematiċi. Ser jissaħħu l-politiki tal-UE dwar il-prodotti u l-ekoinnovazzjoni, jittejjeb l-immaniġġar tal-iskart u jiżdied ir-riċiklaġġ.
25. Sabiex tiġi ppreżervata l-bijodiversità u tissaħħaħ il-bażi tal-assi naturali tal-ekonomija, ser tiġi appoġġata l-ġestjoni tal-ilma fil-kuntest transfruntier permezz ta' allinjament ulterjuri mad-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma u mal-istandards internazzjonali rilevanti. Ser jiġu estiżi u konnessi ż-żoni protetti, tittejjeb il-ġestjoni tal-foresti, u ser tissaħħaħ l-amministrazzjoni marittima madwar il-Baħar l-Iswed inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fis-sikurezza marittima u d-deżinjazzjoni tal-Baħar l-Iswed bħala żona ta' kontroll tal-emissjonijiet.
26. F'termini ta' tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija, ser tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-enerġija newtrali għall-klima u promossa l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Il-mira hija li l-konsum tal-enerġija ta' 250,000 unità domestika jitnaqqas b'mill-inqas 20 %. Ser jikkontribwixxu għal dan il-għan rinnovazzjonijiet komprensivi fuq skala kbira u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet skont standards tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Huwa meħtieġ li jiġi rrealizzat il-potenzjal sħiħ tal-enerġija rinnovabbli. Ser jittejjeb il-funzjonament tas-swieq tal-enerġija, jissaħħu l-oqfsa leġislattivi u regolatorji, u tiġi żviluppata l-kapaċità tal-infrastruttura tal-enerġija reġjonali sostenibbli. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat l-ogħla livell ta' sikurezza nukleari. Ser tiġi appoġġata l-kooperazzjoni reġjonali dwar l-ekonomija tal-idroġenu rinnovabbli.

27. Ser titwettaq ħidma mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali biex jiġu introdotti mekkaniżmi ta' finanzjament ġodda għall-ibliet bil-għan li tiġi aċċellerata l-bidla lejn mobbiltà sostenibbli u intelliġenti. It-trasport pubbliku u privat mhux ibbażat fuq il-fjuwils fossili u b'emissjonijiet baxxi ser jingħata prijorità u ser jiġu sostitwiti vetturi eqdem b'emissjonijiet għoljin, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' proġetti pilota.

Flimkien għal trasformazzjoni diġitali reżiljenti

28. L-iżvilupp ta' ekonomija u soċjetà diġitali reżiljenti ser jeħtieġ it-tisħiħ ta' infrastrutturi siguri tal-komunikazzjoni elettronika, aktar diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u tal-atturi tas-settur privat, u l-investiment fil-promozzjoni tal-innovazzjoni diġitali u l-ħiliet diġitali.
29. Ser issir ħidma għall-miri li ġejjin: 80 % tal-unitajiet domestiċi b'aċċess għal internet b'veloċità għolja affordabbli; 80 % tas-servizzi pubbliċi fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (SL) disponibbli online permezz ta' pjattaformi tal-interoperabbiltà; firem diġitali rikonoxxuti reċiprokament bejn l-erba' pajjiżi sħab u l-UE; u l-awtonomizzazzjoni diġitali ta' miljun ċittadin tal-SL permezz tal-ħolqien ta' pjattaforma tal-edukazzjoni diġitali.
30. Il-prezzijiet bl-imnut għar-roaming internazzjonali ser jitnaqqsu b'mod sostanzjali, u n-networks 5G ser jiġu assicurati b'allinjament mal-approċċ ikkoordinat tal-UE. F'dan il-kuntest, ser tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' ftehimiet dwar ir-roaming u l-ispettru fost il-pajjiżi sħab u fejn xieraq mal-UE. Ser jiżdied mod sostanzjali l-kummerċ elettroniku transfruntier mal-UE u ser jitħaddmu erba' kurituri tat-trasport diġitali, li jikkomplementaw in-network TEN-T. Ser isiru investimenti sinifikanti biex jappoġġaw negozji ġodda diġitali ta' prestazzjoni għolja.
31. Sabiex tingħata spinta lir-reżiljenza ċibernetika u ċ-ċibersigurtà, ser jiġu stabbiliti oqfsa istituzzjonali, leġislattivi u ta' politika u ser tiġi introdotta, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), il-metodoloġija ta' xenarju ta' theddid ċibernetiku ta' ENISA. Ser jiġi promoss aktar allinjament mal-istandards internazzjonali u tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.